# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 32**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 408/2019 JVC**

**Joseph Gialanze u martu Carmen Gialanze**
**vs**

**Antonella Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Joseph Gialanze et kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Illi l-esponenti ghandhom bi proprjeta' l-mezzanin 37, fi Triq San Lawrenz, Zabbar;

2. Illi l-konvenuta Antonella Grixti dahlet tokkupa dan il-fond minghajr titolu validu fil-ligi, u qed tibqa' tokkupah abbuzivament u minghajr jedd legali minkejja l-opposizzjoni qawwija tal-esponenti;

3. Illi l-esponenti interpellaw diversi drabi lill-konvenuta sabiex tivvaka minn dan il-fond, u tirrilaxxjah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti, inkluz permezz ta' ittra legali tat-18 ta' Frar 2019, pero' din baqghet inadempjenti;

4. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-arikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba tal-esponenti ghall-izgumbrament taghha minn dan il-fond.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. Tikkundana lill-konvenuta sabiex b'mod immedjat tivvaka mill-fond imsemmi 37, Triq San Lawrenz, Zabbar, u tirrilaxxjah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimata Antonella Grixti debitament notifikata fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2019 talbet zmien sabiex taghmel nota biex

tiggustifika li hija tigi awtorizzat taghmel risposta izda nonostante dan sal-lum ma prezentat xejn aktar fl-atti.
Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2019 l-intimata Antonella Grixti giet dikjarata kontumaci.

Rat ukoll li fl-istess verbal l-Qorti fic-cirkustanzi ddecidiet li tghaddi ghad-decizjoni.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat u wkoll semghet ix-xiehda tal-attur Joseph Gialanze quddiema llum stess li permezz taghha kkonferma illi l-intimata ghadha qed tokkupa l-fond proprjeta' tar-rikorrenti;

Illi mill-atti ma jirrizultax illi l-intimata ghandha xi jedd fuq il-fond in kwistjoni u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u jisthoqq li jigu milqugha kif isegwi:

**Decizjoni**

Tilqa' l-ewwel talba;

Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuta Antonella Grixti sabiex fi zmien massimu ta' xahrejn millum tivvaka mill-fond imsemmi 37, Triq San Lawrenz, Zabbar u tirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**